# KULLEĠĠ SAN NIKOLA
## L-EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA
## Frar 2014

IL-ĦAMES SENA — IL-MALTI — IL- ĦIN: 30 minuta

(IL-FEHIM MIS-SMIGĦ)

**Il-Karta tal-Għalliema**

**Gwida għat-Tmexxija tal-Eżami tal-Fehim mis-Smigħ**

**Ir-Riżorsi:**
1. It-test li jinqara.
2. Il-karta tal-mistoqsijiet.
3. Riga u lapes.

Jitqassmu l-karti bil-mistoqsijiet u t-tfal jintalbu jiktbu isimhom, kunjomhom u l-isem tal-klassi.

**L-għalliema jgħidu lill-istudenti li:**

| | | |
|---|---|---|
| 1 | • Ser tinqralhom l-istorja kollha **Ix-Xadin u l-Fekruna**.<br>• Għandhom jisimgħu b'attenzjoni waqt dan l-ewwel qari. | **5 minuti** |
| 2 | • Se jaqrawlhom ukoll għal darba l-eżerċizzji kollha. | **5 minuti** |
| 3 | • Se terġa' tinqara għat-tieni darba s-silta kollha waqt li l-istudenti jistgħu jaħdmu l-eżerċizzji.<br>• Se jerġgħu jinqrawlhom għat-tieni darba l-eżerċizzji kollha. | **5 minuti** |
| 4 | • Għandhom ikomplu jaħdmu l-eżerċizzji kollha skont kif miktub.<br>• Jimmarkaw tweġiba waħda biss għal kull mistoqsija. | **8 minuti** |
| 5 | • Ser tinqralhom is-silta biss għat-tielet darba.<br>• Jistgħu jaħdmu l-mistoqsijiet li ħallew barra waqt dan it-tielet qari. | **4 minuti** |
| 6 | • Jiċċekkjaw it-tweġibiet, ikomplu dawk li m'għamlux u jkunu ċerti li mmarkaw waħda bħala tweġiba. | **3 minuti** |

## Ix-Xadin u l-Fekruna

Ix-xadin u l-fekruna spiss kienu jaraw lil xulxin u saru ħbieb kbar. It-tnejn iddeċidew li jiżżewġu u ftiehmu li jistiednu 'l xulxin għat-tieġ.

L-ewwel ma żżewweġ kien ix-xadin. Il-fekruna tgħidx kemm kienet ferħana għax kienet mistiedna u waslet fil-ħin għax billi timxi bil-mod ħasbet kmieni.

Imma meta waslet, ix-xadini l-oħra qalulha biex titla' fuq siġra għax mhix edukazzjoni li toqgħod tiekol wiċċha mal-art.

Dik baqgħet skantata tħares lejhom u bil-mod il-mod ippruvat titla' fuq is-siġra.

X'ħin beda ġej l-ikel, ix-xadini bdew jinżlu minn fuq is-siġar b'ħeffa kbira jaħtfu l-ikel u jitilgħu jikluh fuq is-siġar. Il-fekruna ma setgħetx tagħmel hekk. Bdiet tixxabbat biex tilħaq l-ikel u kull darba kienet taqa' u tistabat mal-art.

Ix-xadini bdew jidħku biha kemm jifilħu. Billi x-xadini kienu ħfief iżjed mill-fekruna, l-ikel bdew jikluh kollu huma. Il-fekruna ftit li xejn kielet. Tgħidx kemm iddispjaċiha u qatt ma basret li x-Xadin kellu jagħmlilha hekk.

Kien imiss lill-fekruna biex tiżżewweġ. Hi stiednet ukoll lix-xadin imma qaltlu, "Qis li taħsel idejk u saqajk qabel tiġi għall-ikel."

Qabel ma wasal ix-xadin, il-fekruna ħarqet il-ħaxix kollu minn fejn kellu jgħaddi x-xadin. Dak, mingħajr ma ried, kellu jgħaddi minn fuq dak l-irmied u tgħidx kif wasal b'saqajh u idejh suwed faħma.

Meta l-fekruna ratu b'dak il-ħmieġ kollu, qaltlu: "Ma stħajtx tiġi għall-ikla tat-tieġ tiegħi b'dawk l-idejn u s-saqajn inkallati! Jien wissejtek biex taħsel idejk u saqajk qabel tersaq 'l hawn! Erġa' mur lura fix-xmara u qis li taħsel idejk u saqajk sewwa."

Ix-xadin kellu jmur lura. Imma, meta reġa' lura, reġa' ċappas saqajh bl-irmied u l-fekruna reġgħet bagħtitu lura għat-tieni u għat-tielet darba.

Sakemm ix-xadina baqa' ġej u sejjer jinħasel, il-fkieren laħqu kielu l-ikel kollu li kien hemm u x-Xadin ma laħaq xejn.

Ix-xadin tgħidx kemm iddispjaċieh li kien baqa' bil-ġuħ, imma malajr ftakar x'kien għamel hu lill-Fekruna u qagħad bi kwietu.

M'għandna qatt nagħmlu lil ħaddieħor dak li ma rridux li ħaddieħor jagħmel lilna.

(Adattament ta' *Ix-Xadin u l-Fekruna* minn 'Ħrejjef Afrikani' ta' Emma Camilleri.)

Immarka (✓) fil-kaxxa t-tajba. (10 marki)

1. Ix-xadin u l-fekruna kienu

| | | |
|---|---|---|
| a) | ħbieb. | |
| b) | aħwa. | |
| ċ) | kuġini. | |
| d) | ġirien. | |

2. Ix-xadin u l-fekruna ddeċidew li

| | | |
|---|---|---|
| a) | jsiefru. | |
| b) | jitwalu. | |
| ċ) | jiżżewġu. | |
| d) | jkantaw. | |

3. Waqt it-tieġ, ix-xadini lill-fekruna qalulha biex titla' fuq

| | | |
|---|---|---|
| a) | banketta. | |
| b) | siġra. | |
| ċ) | siġġu. | |
| d) | sodda. | |

4. Meta l-fekruna bdiet tixxabbat għall-ikel bdiet

| | | |
|---|---|---|
| a) | tiċċappas kollha tajn. | |
| b) | tinduna li l-ikel ma tħobbux. | |
| ċ) | tqatta' l-ħwejjeġ maz-zkuk. | |
| d) | taqa' u tistabat mal-art. | |

5. Qabel ma wasal ix-xadin għat-tieġ, il-fekruna

| | | |
|---|---|---|
| a) | ħarqet il-ħaxix kollu. | |
| b) | qatgħet il-ħaxix kollu. | |
| ċ) | żebgħet il-ħaxix kollu | |
| d) | tefgħet il-fjuri qalb il-ħaxix. | |

6. ***Iswed faħma*** tfisser

| | | |
|---|---|---|
| a) | iswed fil-griż. | |
| b) | iswed jaħraq. | |
| ċ) | iswed ħafna. | |
| d) | iswed fl-aħmar. | |

7. Ix-xadin mar jaħsel idejh

| | | |
|---|---|---|
| a) | fil-baħar. | |
| b) | fil-kamra tal-banju. | |
| ċ) | fil-kċina. | |
| d) | fix-xmara. | |

8. Ix-xadin ħasel idejh għal

| | | |
|---|---|---|
| a) | tliet darbiet. | |
| b) | darbtejn. | |
| ċ) | ħafna drabi. | |
| d) | erba` darbiet. | |

9. Ix-xadin ma laħaq kiel xejn għax

| | | |
|---|---|---|
| a) | baqa' rieqed. | |
| b) | ma ndunax li kien hemm l-ikel. | |
| ċ) | laħqu kielu kollox il-fkieren. | |
| d) | l-ikel inħaraq kollu. | |

10. ***Inkallati*** tfisser

| | | |
|---|---|---|
| a) | imxarrbin. | |
| b) | nodfa. | |
| ċ) | maħmuġin. | |
| d) | migrufin. | |

Immarka (✓) fil-kaxxa **VERU** jew **FALZ** (8 marki)

| | | Veru | Falz |
|---|---|---|---|
| 11 | L-ewwel ma żżewweġ kien ix-xadin. | | |
| 12 | Il-fekruna ma kenitx ferħana meta x-xadin stedinha għat-tieġ. | | |
| 13 | Il-fekruna telgħet fuq is-siġra għax hekk qalulha x-xadini. | | |
| 14 | Ix-xadin mar għat-tieġ b'idejh maħmuġin għax kien qed jiżbogħ id-dar. | | |
| 15 | Ix-xadin mar darba biss jaħsel idejh. | | |
| 16 | Ix-xadin iddispjaċih li kien baqa' bil-ġuħ fit-tieġ tal-fekruna. | | |
| 17 | Ix-xadin qagħad bi kwietu għax kien jaf x'għamel lill-fekruna. | | |
| 18 | Mill-istorja nitgħallmu li qatt ma nagħmlu lil ħaddieħor dak li ma rridux li ħaddieħor jagħmel lilna. | | |

19. Aqta' sing taħt it-tajba. (2 marki)

L-istorja tgħallimna li għandna nkunu (egoisti, sinċieri, ferħanin, għażżenin)

**TMIEM IL-KARTA**